MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 549/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Salvu Schembri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip Comprehensive u tal-Ligi u l-istess Salvu Schembri**

**Vs**

**Helen Bugeja**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm594.29c (hames mija u erbgha u disghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Salvu Schembri assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' Lm569.29c (hames mija u disgha u sittin lira Maltin u

disgha u ghoxrin centezmu), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) l-istess Salvu Schembri in linea ta’ excess payment, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-22 ta’ Novembru 2001 ghall-habta tad-9.30p.m gewwa Great Siege Road, Valletta, bejn il-vettura ta’ l-attur Salvu Schembri, bin-numru ta’ registrazzjoni HAN 834 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni KAP 115, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-ossservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju 2002 u ta’ l-ittra ufficjali li intbaghatet kontestwalment ma’ l-Avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenuta, u interessi legali mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------